Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 68

**26 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2024 fl-4:00 pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Joeline Attard - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 68 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **68.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet l-ittra tal-appoloġija tas-Sa. Joline Attard. |
| **68.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 68.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 67, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sinj Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **68.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 68.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-membri tal-kunsill li għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa u L-Għid il-kbir Boiler Wharf mhux ser jintuża mill-pubbliku għall-parkeġġ iżda ser jintuża biss għall-35 parkeġġ għall-bandisti biss. |
| 68.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill ġie fit-tieni post għall-Waste Reduction Awards bil-proġett tat-tinda maħdumha bil-ganċ minn materjal ta' drapp reċiklatt u li ser titqegħed fi Triq San Lawrenz sabiex wieħed joqgħod mistrieħ fid-dell, kif ukoll bil-proġett mal-Kuleġġ Santa Margerita Skola Primarja L-Isla fejn intużaw fliexken tad-deterġent biex jintrasformawhom f'kontenituri għall-pjanti. Dan il-premju ta' 1000 ewro ser jintużaw biex jinxtraw żewġ bankijiet minn materjal riċiklat wieħed fejn il-kurċifiss u l-ieħor fejn l-open gym. |
| 68.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsillser japplika għall-iskema għall-attivitajiet kulturali annwali u natalkizji 2024/2025 bit-tema tal-kunsill tal-Isla il-Ħġejjeġ ta' San Ġwann f' Gunju 2024 fejn il-kunsill ser jistieden il-Winter Moods skond il-baġit li jkollu l-kunsill għaliex il-kwotazzjoni hija ta' 10,000 ewro. |
| 68.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera li s-Sur Jesmond Grima mit-Transport Malta informa lis-sindku li ser jidħol Cruise Liner jittraka ma' Boiler Wharf fit-28 ta' Marzu 2024 u sar arranġament biex it-turisti jaqsamu bid-dgħajjes għall-belt bħala shuttle service, kif ukoll ser jibgħatulna żewġ uffiċjali. |
| 68.03.05 | Is-sindku rċieva imejl u bagħatha lil kunsilliera kollha minn għand is-Sur Sarsero fejn jixtieq li t-tieġ tiegħu jagħmlu fuq il-forti San Mikiel fid-9 ta' Novembru 2024 fis-7.30pm. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera |

| | |
|---|---|
| | iddeċidew li għandu jsir bl-istess proċedura ta' Ġnien il-Gardjola *u* sadanitant jibda' l-proċess ta' Bye Law għall-użu tal-Forti San Mikiel għall-attivitajiet fi spazju miftuħ fuq il-Forti. |
| 68.03.06 | Il-Kunsill irċieva imejl minn għand Nadia Attard sabiex tuża l-parkeġġ tal-ponta fis-6 ta' Lulju 2024 għal-prezz ta' 250 ewro mit-3pm sal11pm. Il-Kunsilliera preżenti approvaw din id-deċiżjoni biex il-parkeġġ ta' quddiem il-grawnd jintuża mis-Sa Nadia Attard. |
| 68.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-korsijiet tal-IT ser jerġgħu jinfetħu f'Settembru 2024 dawn ser ikunu immirati għall-persuni bejn 50 sena il-fuq u dawn il-korsijiet ser jibqgħu għaddejien sa Diċembru 2024. |
| 68.03.08 | Is-sindku informa lil-kunsillierali f' April ser issiru sessjonijiet tal-Yoga fis-sala tal-Kunsill mis-Sa. Joclyn Koss. L-Ispiża għall din il-Yoga ser tkun ta' 30 ewro fix-xahar. |
| 68.03.09 | Is-Sindku informa lil-kunsill li irċivejna imejl dwar charging pillars kif ukoll iltaqa mas-Sur Joseph Bezzina sabiex jaraw dawn ic-charging pillars fejn ser issiru fuq il-post.<br>ISL-001 – Triq il-Vitorja titneħħa u issir Triq San Ġiljan (mal-ħajt tal-każin tal-labour)<br>ISL-002 – Triq is-Sur tibqa fejn kienet iżda ikolna oħra għal-van tal-kunsill<br>ISL-003 – Pjazza F. Zahra kif inhi<br>ISL-004 – Triq il-ħabs l-antik (GHRC) issiru għal-4 karozzi biss<br>ISL-005 – Triq ix-Xatt Juan B. Azopardo ma jsir xejn tibqa dik l-hemm fejn il-gabbana. |
| 68.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-proġett tal-GHRC huwa maħsub li issiru 2 charging pillars li jkunu jistgħu jieħdu 4 karrozzi fi Pjazza George Mittrovich. |
| 68.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-proġett ta' Norway Grants ingħalaq b'konferenza fejn sal-aħħar tax-xaħar l-invoices kollha li għandhom x'jaqsmu mal-proġett ser ikunu kollha uploadjati fuq is-sitema ta' CARS biex b'hekk kollox ikun imħallas skond il-proċedura. |
| **68.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 68.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk jistax jinżebagħ iċ-ċint tax-xatt. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sinkdu s-Sur Clive Pulis wieġeb li ċ-ċint tax-xatt ser jinżebagħ kollu. |
| 68.04.02 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Ġużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv għaliex m'hemmx parkings tal-muturi fi Triq il-Vitorja ?<br><br>Is-Sinkdu s-Sur Clive Pulis wieġeb li dawk li kien hemm fi Triq il-Vitorja ma kienux approvati mit-Transport Malta. |
| **68.5** | **Rapporti** |
| 68.5.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* ta' Frar 2024 u l-petty cash ta' Frar 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **68.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 68.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 3/2024 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **68.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 68.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 t' April 2024 fl-4:00p.m. |

Konfermati, illum 23 t' April 2024

IFFIRMATA________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv